MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1363/2003

**Visual and Sound Communications Limited**

**vs**

**Fiona Baldacchino**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Lulju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u erbatax-il lira Maltija u sittin centezmu (Lm114.60) rapprezentanti, in kwantu ghas-somma ta' disa' u tletin lira Maltija u sittin centezmu (Lm39.60) prezz ta' hdax-il-CD ta' Ira Losco, u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75.00) prezz ta' hamsa u ghoxrin CD tal-Eurovision, liema CDs gew mibjughin u kkonsenjati lilha mis-socjeta` mittenti fuq inkarigu taghha stess ;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri bonarji datati 4 ta’ Frar, 2003 u 3 ta’ Marzu, 2003, u bl-imghaxijiet legali kollha sad-data ta’ l-effettiv pagament.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-25 ta’ Novembru, 2003, ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenuta, t-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u erbatax-il lira Maltija u sittin centezmu (Lm114.60) bl-imghaxijiet legali mis-27 ta’ Ottubru, 2003 sad-data ta’ l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittri bonarji datati 4 ta’ Frar, 2003 u 3 ta’ Marzu, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------